MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 653/2011

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Terence Scerri, iben Mario, imwieled Pieta' fit-3 ta' April, 1984, Karta ta' l-Identita numru 196684(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-22 ta' Mejju, 2011 għal ħabta tas-6.45 p.m. ġewwa l-Istadium Nazzjonali, Ta' Qali, limiti ta' Attard:
1. b'atti esterni ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Cassar, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kkaġuna feriti ħfief fuq il-persuna ta' Christina Cassar, skont kif iċċertifika Dr. Robert Galea M.D.;

3. fl-istess lok, data, ħin u taħt l-istess ċirkostanzi kiser il-kwiet u il-bon ordni pubbliku b'għajjat u ġlied;
4. talli xewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa, jinġabru f'numru ta' għaxrajew aktar sabiex jagħmlu reat;
5. fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod abusive;
6. irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna li l-imsemmija mputat ma jattendix fi 'grounds ta' sport' għal dak il-perjodu ta' żmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2012 fejn deher Christian Cassar li ħafer lill-imputat u irrinunzja għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu minħabba rinunzja. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 41, 216, 68 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u L.S. 10.33. Ikkunsidrat, dwar il-piena. Illi l-imputat lilu inibit mill-jilgħab mit-23 ta' Mejju, 2011. hu attenda għal program għar-riabilitazzjoni tiegħu u l-ġustizzja sportiva ħadet il-kors tagħha u skwalifikatu għal tlettax il-partita. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------